BIRKIRKARA

**KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA**

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

**Laqgha tal-Kunsill**

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghas-Sitt laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tlieta, 22 ta' Settembru 2009, fis-6:00pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

**Agenda**

1 **Talba**
2 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 5**
3 **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti tal-laqgha numru 5**
4 **Approvazzjoni tal-Lista tal-Pagamenti numru 5**
5 **Korrispondenza**
6 **Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
7 **Komunikazzjoni mis-Sindku**
8 **Eghluq**

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

BIRKIRKARA

Minuti tas-Sitt laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 22 ta' Settembru 2009 mis-6:07pm sat-6:50pm.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Doris Borg (Vici-Sindku) |
| | Is-Sur Emanuel Aquilina |
| | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt |
| | Is-Sinjura Joanne Borg |
| | Is-Sur John Borg |
| | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Dr George Debattista |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sinjorina Rose Frendo |
| | Is-Sinjorina Chirelle Sciberras |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, John Borg, Rita Borg, Dr. George Debattista, John Mary Calleja, Anthony Buttigieg, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras. Il-Kunsilliera Dr Josianne Cardona Gatt dahlet 6:30pm. Ghal din il-laqgha ma kienx hemm il-prezenza tal-pubbliku. Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

## 1. Talba.

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

## 2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin-numru 5

Il-Minuti tal-Hames laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda u ttieħdu bħala moqrija. Huma gew approvati, bi tnax-il voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li saret korrezzjoni f'*items* 3.3, 8.4 u 8.5. Il-minuti tal-Hames laqgha tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg. Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, il-Kunsillieri s-Sinjuri: Emmanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, Rita Borg, John Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Dr.George Debattista, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras.

## 3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti numru 5

3.1 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet *ghal item 8.1* .Hi staqsiet lis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami jekk f'dak li kien gie attwat, skond il-kompromess li kien intlahaq, il-problema kinitx giet solvuta ? Is-Sindku wiegeb fil-posittiv.

3.2 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg irreferit ghal *item 8.2* fejn irrimarkat li kienu dahlulha diversi lmenti li l-*Airconditioner* li hemm fid-Dipartiment tas-Sahha ma kienx qed jahdem. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li problema kienet qeghda tinghata l-attenzjoni mehtiega.

3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg acceniet ghal *item* 8.5a. Hi qalet li ghandha l-ismijiet tar-residenti li jridu l-iskip quddiemhom. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma lill-kunsilliera biex hi tghaddilna l-informazzjoni halli nkunu nistghu inressqu l-iskip ghal quddiemhom.

3.4 Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg acceniet ghal *item 8.5c* fejn proponiet li ghandha ssir laqgha ma' l-ADT halli jigi ccarati certu affarijiet. Dwar dan is-Sindku qal li hu ma jsib l-ebda problema.

3.5 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghal *item 3.4* fejn staqsiet jekk kinux intbghatu l-kopji tal-minuti tal-laqghat lill-kunsilliera. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami wiegeb fil-pozittiv.

## 4 Approvazzjoni tal-lista tax-Xiri u pagamenti numru 5

Il-lista tax-xiri u l-pagamenti numru 5 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Saret diskussjoni fejn il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg accena ghal *items* 37 sal-52. Hu staqsa jekk kienx possibbli li fil-lista jigi ndikat fid-dettal ghal-liema kuntratti jkun invozjana il-*contracts manager*. Is-Sindku wiegeb illi peress li d-dettal imnizzel fl-*invoice* hu twil, ikun impossibbli li jitnizzel kollox fil-lista. Is-Sindku qal li kull min irrid, jista' jitlob lis-Segretarju Ezekuttiv biex jara d-dokumenti msemmija. Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja accenna ghal *item* 53. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-*banner* kien gie mixtri mill-Kunsill u ghalhekk hu propjeta' tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg u l-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg staqsew jekk l-AKL kinitx irrifondat lura flus ta' dawk il-Kunsilliera li ma kienux marru ghal-laqgha tal-5 ta' Settembru 2009. Is-Sindku wiegeb illi l-Kunsill kien ghadu ma rcieva xejn u dan minkejja li konna ktibnilhom. Hawnhekk saret diskussjoni fejn kien hemm qbil unanimu illi f'sitwazzjonijiet bhal dawn, meta Kunsillier ma jmurx ghal dawn il-laqghat li jkun ikkonferma hu stess li sejjer, u li ghalih ikun hallas il-Kunsill biex hu jmur, hu ser jigi mitlub mill-kunsill biex jirrifondi lura lill-Kunsill l-ammont li jkun hallas il-Kunsill ghalih. Dan dejjem jekk ma jkunx hemm raguni valida, kif ukoll, jekk l-AKL ma tirrifondiex l-ammont imhallas.

Wara li s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ta t-twegibiet mehtiega l-lista tax-xiri u pagamenti bin-numru 5 ġiet approvata bi tnax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-

Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg. Dawk li vvutaw Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, il-Kunsillieri s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, Rita Borg, John Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Dr.George Debattista, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras.

## 5 Korrispondenza

5.1 Ittra bid-data ta' l-10 ta' Settembru 2009 minghand is-sitt Kunsilliera tal-Partit Laburista fejn huma iddeploraw l-atitudni tas-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u tas-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Joe Tabone talli ma kinitx giet imsejha laqgha b'urgenza dwar l-izvilupp tal-legalita' biex jigu organizzati attivitajiet f'postijiet pubblici li jaqghu taht ir-responsabilt'a ta' l-istess Kunsill. Kopja ta' din l-ittra nghatat dak il-hin lill-Kunsilliera. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal illi hi d-deskrizzjoni tas-Sindku biss li jara meta ghandha tissejjah laqgha urgenti u mhux tas-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku qal illi hu ghandu l-obbligu li jsejjah laqgha mill-inqas darba fix-xahar. Dwar il-kwistjoni tal-legalita' is-Sur Fenech Adami qal illi skond parir li hu nghata minghand l-avukat tal-Kunsill Dr. Richard Sladden, il-Kunsill m'ghandu l- ebda dritt li jiddiskrimina bejn politikant u persuna ohra.

Hawnhekk dahlet fil-kamra il-Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt. Il-hin kien is-6.30pm

## 6 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

6.1 Il-Vici Sindku is-Sinjura Doris Borg aaceniet ghal bzonn biex jitnaddfu l-ispralli fi Triq Notabile. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami wiegeb illi dan l-ilment kien qed jinghata l-attenzjoni mehtiega.

6.2 Il-Vici Sindku is-Sinjura Doris Borg irreferiet ghall-petizzjoni li kien ircieva l-Kunsill dwar talba ghar-*residential parking* fi triq it-Torri. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal illi din it-talba kienet giet irreferita lill-ADT mill-Perit taghna.

6.3 Il-Kunsillier is-Sur John Borg talab *follow-up* rigward applikazzjoni ghar-*residential parking* fi Triq it-Tempju Megalitiku. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal illi fuq dan il-kaz din it-talba kienet giet ukoll irreferita lill-ADT mill-Perit taghna.

6.4 Il-Kunsillier Dr. George Debattista ghamel riferenza ghar-*residential parking* li sar fi Sqaq il-Fniek. Hu qal li dwar it-tabelli li kienu twahhlu nghataw mal-mija u tletin citazzjoni. Hu staqsa x'ser jigri dwar dawn ic-citazzjonijiet. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li fil-post imsemmi kienu nghataw hamsa u ghoxrin citazzjoni **u ahna tlabna li jigu mahfura**.

6.5 Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg talbet kopja tal-*waiting list* rigward is-suq fil-berah. Is-Sindku wiegeb li l-informazzjoni mitluba kienet ser tintbghatilha bl-*email.*

6.6 Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg staqsiet x'kien gara mill-gabbana li kellha ssir gewwa Gnien l-Istazzjon. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-Kunsill kien ghadu qed jistenna il-permess tal-MEPA. Dwar il-kuntratt ma' l-individwu li ser imexxi din il-gabbana, liema kuntrattur kien gie maghzul mill-Kunsill wara sejha pubblika, il-kuntratt jibda jghodd minn meta johrog il-permess tal-MEPA. Hawnhekk saret diskussjoni fejn il-Kunsilliera Dr Josianne Cardona Gatt ikkonfermat mill-att legali dak li qal is-Sindku. Il-Kunsillier Dr. George Debattista staqsa min kien ghamel l-applikazzjoni mal–MEPA - l-individwu jew il-Kunsill? Is-Sindku wiegeb li kien il-Kunsill li ghamel l-applikazzjoni.

6.7 Il-Kunsilliera is-Sinjorina Chirelle Sciberras qalet li fil-gurnata ta' qabel baghtet *e.mail* lill-Kunsill rigward ilment fuq *speed* accessiv gewwa Triq Ganu. Hi talbet *follow up* dwar il-kaz. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li dwar dan il-Kunsill kien ser jinforma lill-Pulizija.

6.8 Il-Kunsilliera s-Sinjura Rita Borg qalet li kienet tablet *zebra cross* fi Triq Graffitti. Hi tablet *follow up* dwar il-kaz. Is-Sindku qal li hu kien ser jiccekkja.

6.9 Il-Kunsillier is-Sur Emmanuel Aquilina rrimarka illi xi hadd kien qala' z-zewg tabelli tan-*No Entry* li kien hemm fuq il-pont ta' quddiem San Frangisk. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li dwar dan il-Kunsill kien ser jiccekkja u jekk ikun il-kaz nergghu naghmluhom.

6.10 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja rrimarka illi fi Triq F. Buhagiar il-parti li hi *one way* hemm tabella zejda tas-*sleeping police*. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li dwar dan il-Kunsill kien ser jiccekkja u jekk ikun il-kaz din tinqala'.

6.11 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja staqsa meta kienet sejra titnaddaf ix-xibka li hemm fil-bidu ta' l-isprall fi Triq l-Imsida. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li x-xibka u l-kanal imsemmija kienu ghadhom kif tnaddfu min-nies taghna kif ukoll mill-haddiema tal-Gvern.

6.12 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja staqsa x'kienet ir-raguni illi fuq BKR Radio kienu qed imorru l-istess nies. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li r-raguni kienet li hemm min jistax imur.

6.13 Il-Kunsillier is-Sur Mark Abdilla rrimarka illi fi triq Notabile k/m triq iz-Zugraga ezattament fejn qeghda Tithammel bicca art, l-art biswiet taghha kienet qeghda tisfronda. Is-Sindku qal li ser niccekkjaw fuq dan il-kaz.

## 7 Komunikazzjoni mis-Sindku

7.1 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghal-laqgha li hu u s-Segretarju Ezekuttiv kellhom mas-CEO tal-Primary Health is-Sur Brian St. John dwar il-kuntratt inkonnessjoni ma l-ispazju li qed

juza' d-Dipartiment tas-Sahha gewwa c-Centru Civiku. Is-Sindku qal illi l-kuntratt mistenni jigi ffirmat sa' l-ahhar tax-xahar ta' Ottubru. Is-Sindku nforma lill-membri prezenti illi l-kuntratt ser ikun jinkludi fih illi l-A/C jigi jaqa' taht ir-responsabilta' tad-Dipartiment tas-Sahha. Illi kulhadd ikollu *sub-meter* tad-dawl u ta' l-ilma separat. Il-*goods lift* jigi rrangat minnhom, filwaqt li l-kera toghla ghal 80,000 ewro fis-sena ghalkemm il-Kunsill ghadu ghaddej b'negozjati li l-kera ghandha tkun ta' 100,000 ewro fis-sena. Is-Sindku qal li *draft* ta' dan il-kuntratt kien ser jigi mressaq fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

7.2 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghas-seminar li sar fit-22 ta' Settembru 2009 mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali gewwa s-sala tal-kunsill Lokali ta' Birkirkara ghas-Sindki kollha. Hu qal li ghal din il-laqgha li kienu prezenti l-Onorevoli Chris Said, ufficjali mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, mill-AKL u mill- Wasteserv inghatat nformazzjoni dwar id-dokument il-gdid biex tkun tista' issir sejha ghall-offerti ghall-gbir ta' Skart imhallat, liema kopja ta' dan id-dokument kienet ser tintbaghat lill-Kunsilli fil-jiem li gejjin biex b'hekk il-kunsill ikun jista' johrog sejha ghall-offerti. Is-Sindku qal li fost il-punti l-aktar importanti li gew diskussi kienu dawk li jikkoncernaw id-*Disposal Fees* il-godda. Is-Sindku qal illi mill-1 ta' Ottubru 2009, id-*disposal fee* ghar-rimi ta' skart imhallat fil-*landfill* ser tkun ta' 20 ewro kull tunellata, il-Kunsilli ser jibdew ihallsu ghal din it-tariffa u wara il-Gvern ser jghaddi lill-Kunsilli Lokali il-flus relatati ma' din in-nefqa. Is-Sindku kompla jghid illi l-ammont ta' flus ser ikun ikkalkulat fuq data li ghandha il-Wasteserv Malta Ltd. Matul il-perjodu Ottubru /Dicembru 2009 il-Kunsill ser ikun obbligat li jhallas biss dak l-ammont li jinghatalu mill-Gvern. Is-Sindku qal li matul dan is-seminar saret riferenza ghas-servizz dwar il-gbir ta' skart separat jumejn fil-gimgha, liema servizz ser jigi estiz ghal-lokalitajiet kollha fil-futur qarib Hu qal li l-Kunsill taghna kien l-aktar kunsill li kien qed jigbor skart separat. Hawnhekk saret diskussjoni qasira fejn xi kunsilliera espremew l-opinjoni taghhom kontra l-fatt li f'dawk il-jumejn fil-gimgha ma baqax jingabar ukoll l-iskart imhallat. Huma qalu li b'konsegwenza ta' dan il-hmieg fit-toroq kien qed jizdied.

7.3 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal illi skont taghrif li hu nghata, il-kumitati Kongunti aktarx kienu ser jispiccaw fl-ahhar ta' Settembru 2009. Meta jsir dan il-flus fil-bank iridu jinqassmu bejn il-Kunsilli skont il-kuntratt, filwaqt li l-flus li ghandna nigbru fuq l-ispeed kameras li ghandna fil-lokalita huma kollha dovuti lill-Kunsill taghna u dan wara li jinqataw l-ispejjez. Hawnhekk il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg staqsa lis-Sindku x'kien ser jigr .ill 350,000 ewro li ghandu jiehu l-Kunsill. Is-Sindku qal li dawn il-flus kienu ser jingabru billi tibghat notifika lilll-individwi, u taghtihom zmien stipulat sakemm huma ghandhom jigu jhallsu. Jekk dawn jibqaw ma jhallsux jittiehdu l-passi necessarji u jinhargu sekwestri.

## 8 Aggornament

Ghall-habta tas-6.50 pm bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami aggorna l-laqgha ghan-nhar it-Tlieta, 13 ta' Ottubru 2009 fis-6.00pm.. Il-laqgha giet aggornata ghal din id-data biex il-Kunsill jilhaq jircievi kopja draft tal-kuntratt mad-Dipartimet tas-Sahha dwar ic-Centru Civiku.

Joseph Tabone
**Segretarju Ezekuttiv**

Michael Fenech Adami
**Sindku**